MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2011

Numru. 61/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Dominic Formosa ta' 61 sena, bin Joseph u Theodora nee' Bartolo imwieled ir-Rabat (Ghawdex), nhar it-23 ta' Novembru 1949, residenti fil-fond Dar il-Fjuri, Triq Guze Ellul Mercer, Rabat, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 87949(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Dominic Formosa li gie akkuzat talli nhar it-13 ta' Awwissu 2008 gewwa Triq Guze Ellul Mercer, Rabat (Ghawdex) ghal habta ta' bejn is-saghtejn u is-saghtejn u nofs (1400 – 1430hrs) ta' wara nofs in-nhar:

a. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Angela Buttigieg f'perikolu car, ikkagunalha griehi ta' natura gravi.
b. Talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Angela Buttigieg sabiex jinurja, iddejjaq jew jaghmel hsara lil dina l-persuna jew lil haddiehor, u dana bi ksur ta'l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
c. Imbotta lil imsemmija Angela Buttigieg fit-triq biex iweggaghha jew jinsulentaha.
d. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u bil-glied u dana bi ksur ta'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-26 ta' Awwissu 2008 sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-incident mertu ta' dina l-kawza nqala' minhabba disgwid li nqala' bejn zewg familji fuq il-wirt tal-genituri. Jidher illi l-parti leza Angela Buttigieg marret tkellem lil ohtha Mary Jane Formosa, mart l-imputat fuq dana l-wirt. Bintha Rose Buttigieg u binha Saviour baqghu jistennewha ftit 'il boghod fil-vettura taghhom. Jidher illi f'hin minnhom inqala' argument tant illi kien hemm xi ghajjat u storbju. Hawnhekk ghalhek intervjeniet Rose Buttigieg li semghet l-ghajjat u resqet vicin ir-residenza tal-imputat sabiex tara x'kien qed jigri. Minn hawn ma hemmx qbil bejn il-partijiet ghar-rigward ta' dak li sehh u dana peress illi filwaqt illi l-parti leza tallega illi l-imputat imbuttaha u hi waqghet mal-art bil-konsegwenza li sofriet xi griehi, l-imputat minn naha tieghu jinnega illi ghamel dan u jikkontendi illi Angela Buttigieg waqghet mal-art wahidha minghajr ma messha.

Angela u Rose Buttigieg jikkontendu illi ma kien hemm l-ebda argument bejnhom u bejn Formosa, izda dawn kienu qed jargumentaw bejniethom u li kien ghal xejn b'xejn illi l-imputat imbotta lil Angela Buttigieg u Mary Jane Formosa xejret daqqa ta' harta lil Rose Buttigieg. Il-konjugi Formosa jghidu mod iehor. Skond il-verzjoni taghhom, Angela Buttigieg talbet xi flus minghand Mary Jane u hawn dina oggezzjonat u ghalhekk inqala' argument bejniethom. L-imputat sema' dana l-ghajjat u ddecieda li jintervjeni u talab lil Angela sabiex titlaq. Din hekk ghamlet u hargu lkoll 'il barra mir-residenza ta' Formosa. Filwaqt li dawn kienu barra raw lil Rose Buttigieg li wkoll intervjeniet f'dana l-argument u anke ppruvat thebb ghalihom. Kien hawnhekk illi Mary Jane Formosa tammetti illi xejret daqqa fid-direzzjoni ta' Rose u laqtitha. Izda t-tnejn li huma jikkontendu illi Angela Buttigieg waqghet mal-art wahidha meta giet bintha u bdiet iddur maghha u targumenta u li l-imputat fl-ebda hin ma messha.

Illi minn ezami akkurat tal-provi, l-Qorti tistqarr illi l-verzjoni moghtija mill-parti leza ma taghmilx wisq sens ghar-rigward ta' kif beda dana l-argument. Dana qed jinghad ghaliex ma jistghux jitwemmnu Angela Buttigieg u bintha Rose meta jghidu illi l-argument li kien ghaddej kien bejn Mary Jane u zewgha l-imputat. Isostnu illi dawn it-tnejn minn nies ma kinux qed jargumentaw maghhom, izda ma' xulxin u mbaghad ghall-ebda raguni Mary Jane tat daqqa ta' harta lil Rose fuq wiccha filwaqt li l-imputat imbotta lil Angela Buttigieg. Illi inoltre filwaqt li Angela Buttigieg issostni illi bintha fl-ebda hin ma kellmet lil Mary Jane u lil Dominic Formosa, bintha tghid mod iehor meta tistqarr illi meta semghet lill-imputat jargumenta ma' zijitha Mary Jane hija intervjeniet u kien hawnhekk illi gew fl-idejn. "At that point I interjected in this argument and told my uncle that the land is owned by my aunt and was inherited by my aunt from my grandmother."[1] L-omm tghid: "X'hin wasslet it-tifla tieghi fuq il-post jiena rajt lil ohti Mary Jane taghti daqqa fuq wicc it-tifla tieghi Rosie; tatha daqqa ta'

[1] Ara xhieda Rose Buttigieg a fol.19

harta Mary Jane lit-tifla tieghi. It-tifla tieghi ma kellmithiex lil Mary Jane. It-tifla tieghi lanqas biss tkellmet.”[2] Il-Qorti ghalhekk tistqarr illi l-verzjoni moghtija minn Mary Jane u Dominic Formosa ghar-rigward ta’ kif beda dana l-incident huwa wiehed iktar kredibbli u verosimili. Donnu f’dana l-incident kulhadd ried jahbi bicca u xehed biss dwar dik il-parti tal-incident li kien l-iktar jaqbillu biex ma jitfax it-tort fuqu.

Dana qed jinghad ghaliex il-Qorti tistqarr ukoll illi ma temminx lill-imputat u lil martu meta dawn ighidu illi Angela Buttigieg ma ntmessietx mill-imputat. Jidher illi kien hemm argument piuttost shun ghaddej bejn dawn l-erbgha minn nies. Kulhadd kien irrabjat, bdew ighajtu u jiggieldu u f’hin minnhom jidher illi Mary Jane Formosa xejret daqqa b’idejha u laqtet lil Rose Buttigieg filwaqt illi zewgha l-imputat imbotta lil Angela Buttigieg li tilfet il-bilanc u waqghet mal-art u b’hekk sofriet il-griehi kif rappurtati. Il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi dina hija l-verzjoni ta’ kif sehh dana l-incident. Ghalkemm l-imputat u martu baqghu wara r-rixtellu, jidher illi xortawahda huma setghu jilhqu b’idejhom  lil Rose u Angela li kienu fuq il-bankina. Il-Qorti ma temminx il-verzjoni tal-imputat u martu meta jghidu illi huma ma jafux kif spiccat waqghet mal-art Angela Buttigieg meta huma kienu ftit piedi ’l boghod minnha!

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’mod ewlieni illi kkaguna offiza gravi u volontarja fuq il-persuna ta’ Angela Buttigieg. Illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. “Jekk l-intenzjoni ta’ l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’ l-ghemil tieghu.” (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Illi kif sottolinjat mill-Qorti iktar ’il fuq l-imputat imbotta lil Angela Buttigieg. Il-Qorti temmen illi l-intenzjoni tal-

[2] Ara xhieda ta’ Angela Buttigieg a fol.23

imputat certament ma kinitx illi jikkaguna xi griehi gravi fuq Angela Buttigieg, izda temmen illi f'dak il-mument l-imputat kellu l-intenzjoni generika illi jaghmel hsara lil parti leza. Huwa kien irrabjat ghaliha u ghal bintha u ghalhekk meta huwa imbottaha, ghamel dana bl-intenzjoni illi jirritalja minhabba li kien qed ihossu urtat. Kwindi issa jrid iwiegeb ghal konsegwenzi tal-azzjonijiet tieghu. Illi l-prosekuzzjoni tikontendi illi Angela Buttigieg sofríet griehi ta' natura gravi minhabba ksur fil-polz tal-idejn. Madanakollu meta jixhed it-tabib Joseph Vella sabiex jikkonferma c-certifikat mediku rilaxxjat minnu, huwa jghid illi lill-pazjenta ma regax invistaha wara d-data tal-incident.[3] Illi kien minhabba l-fatt illi l-pazjenta sofríet ksur, liema ksur x'aktarx idum iktar minn tletin gurnata biex ifieq, illi huwa ikklasifika dawn il-griehi bhala gravi. Ma hemmx prova fl-atti madanakollu dwar il-"healing process" ta' dana l-ksur u cioe' kemm dam biex ifieq, jekk fieqx, u jekk il-parti leza sofrietx xi dizabilita' permanenti minhabba f'dana l-incident. Il-pazjenta ma regghetx giet ezaminata minn tabib, ma ntalbet l-ebda nomina ta' espert mediko-legali sabiex jistabilixxi x'kienu n-natura ta' dawn il-griehi. Ghaldaqstant billi ma hemmx prova univoka fl-atti illi l-griehi sofferti minn Angela Buttigieg kienu effettivament griehi ta' natura gravi, l-Qorti ser issib lill-imputat hati illi kkaguna griehi ta' natura hafifa biss.

Illi fir-rigward tat-tielet u r-raba akkuzi ta' natura kontravvenzjonali, il-Qorti ser tghaddi biex tapplika d-disposizzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 billi dawn kienu mezz biex isir ir-reat tal-offiza volontarja.

Illi fir-rigward tal-ahhar akkuza wkoll ta' natura kontravvenzjonali in konnessjoni mal-ksur tal-bon ordni u paci pubblika, dina l-akkuza wkoll giet ippruvata billi ma hemmx dubbju illi l-partijiet kollha involuti f'dana l-incident argumentaw b'lehen gholi u ghamlu storbju fit-triq.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali kwazi nadifa tal-imputat, il-mod kif xehdu l-parti leza u bintha u

[3] Ara certifikat mediku a fol. 11 u ix-xhieda ta' Dr. Joseph Vella a fol.26

finalment il-fatt illi l-incident in kwistjoni nqala' minhabba disgwid familjari in konnessjoni ma' wirt. Il-Qorti ghalhekk tittama illi dana d-disgwid jigi sorvolat u dana fl-ahjar interess tal-partijiet kollha involuti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 221(1), 339(1)(d)(l), 338(dd) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati biss li kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Angela Buttigieg u ssibu hati tal-kumplament tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hwua jikkometti reat iehor matul dana l-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ghal zmien sena mil-lum sabiex izomm il-paci ma' Angela Buttigieg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------